MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2006

Avviz Numru. 490/2005

**Avviz numru 490/05 DM**

**Texwood Trading GMBH kif rapprezentatha mill-Mandatarja Specjali taghha l-Prokuratur Legali Madeleine Firman ID 478751 (M)**

Vs

**Cl Gauci Co Ltd C 30025**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti ghal hlas tas-somma bilancjata ta' hdax-il elf, hames mija u erbatax-il euro u tmienja u disghin centezmu (Euro 11,514.98) ekwivalenti skond ir-rata tal-kambju in vigore, fi flus Maltin, ghal cirka erba' t'elef, seba' mija, sebgha u disghin liri Maltin u disghin centezmi (LM4,797.90) dovuta lill-attrici nomine mis-socjeta' konvenuta bhala prezz ta' bilanc ta' injam "sawn timber" u

merci ohra relatati, mibjugha u kkonsenjati mill-attrici nomine lis-socjeta' konvenuta liema bilanc jirrizulta mill-fattura annessa mal-avviz u mmarkata bhala Dokument A u mir-rendikont datat 13 t' Ottubru, 2004 annessa mal-avviz u mmarkat bhala Dokument B. Dan l-imsemmi bilanc huwa l-import ta' kambjala iffirmata mis-socjeta' konvenuta, liema kambjala baqghet ma' thallsitx mis-socjeta' konvenuta lil attrici nomine, dokument C.

Bl-imghax legali u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Gunju, 2005 kontra l-konvenuti li gew ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat illi ghalkemm il-konvenuti permezz ta' l-Avukat Dottor Mark Refalo kienu kkontestaw it-talba attrici huma ma' pprezentawx l-eccezzjonijiet formali kif ippromettew illi jaghmlu, u lanqas ma baghtu xi rapprezentant sabiex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni fis-seduta ta' llum.

Ghaldaqstant, wara li l-Qorti rat ukoll id-dokumenti esebiti u rat il-kambjala originali esebita fis-seduta stante, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghdha tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lil konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' erba' t elef, sebgha mija u sebgha u disghin Liri Maltin u disghin centezmu (LM4,797.90) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti b' effett mill-14 ta' Settembru, 2005.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------